

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1324

tal-21 ta' Settembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") ġiet konklużi mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE ⁽¹⁾ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995. Il-Konvenzjoni ġiet konklużi għal perijodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jista' jestendi l-Konvenzjoni għal perijodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tagħha, il-Konvenzjoni ġiet estiża regolament għal perijodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fl-10 ta' Ġunju 2019 ⁽²⁾, u ser tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha taħt il-kundizzjonijiet li l-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jqis xierqa.
- (4) Fid-9 ta' April 2020, ir-Renju Unit applika formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.
- (5) Ir-Renju Unit huwa produttur ewlieni taċ-ċereali, b'mod partikolari tax-xgħir u l-qamħ. Jekk tingħata l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb mal-Konvenzjoni u konsegwentement biex jipparteċipa fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, ir-Renju Unit se jkun membru importatur f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni. Peress li l-Unjoni hija membru esportatur, l-adeżjoni tar-Renju Unit mhix se timpatta n-numru ta' voti allokati lill-Unjoni għall-finijiet tal-votazzjoni skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni. Madankollu, mis-sena finanzjarja tal-2021/22, l-adeżjoni tar-Renju Unit se tnaqqas in-numru tal-voti allokati lill-Unjoni skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, li jiddeterminaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-membri.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali u li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dment li l-adeżjoni ma tidħolx fis-seħħ u l-Konvenzjoni ma tiġix applikata b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ⁽³⁾,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 dwar l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali u l-Konvenzjoni dwar l-Għajuna Alimentari, li jikkostitwixxu l-Ftehim Internazzjonali dwar iċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

⁽³⁾ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995, dment li l-adeżjoni ma tidħolx fis-seħħ u li l-Konvenzjoni ma tiġix applikata b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KLOECKNER
